MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Numru 752/2010

**Il-Pulizija**
**Sp Arthur Mercieca**
**vs**
**Abdi Ahmed Jama**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Abdi Ahmed Jama ta’ 21 sena mwieled Somalja fl-1 ta’ Jannar 1989, iben Ahmed u Zaudi nee’ Tadesse, residenti gewwwa Hangar Open Centre, detentur ta’ ID bin-numru 56754 (A).**

**Akkuzat talli fit-23 ta’ Lulju 2010 ghall-habta ta’ 11.00am gewwa dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercajli jew bank privat f’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet obbligi jew helsien minn obblig f’dawk l-atti jew**

**skritturi wara li jkunu gew ffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l–atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.**

**U iktar talli fl-istss data, hin lok u cirkostanzi sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghailh jew ghal haddiehor f'xi document mahsub ghal xi awtorita pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.**

**Rat l-atti kollha tal-process.**

**Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh mill-ewwel, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha.**

**Ghaldaqstant dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28A, 183 u 188 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u wara li qieset li l-imputat ghamel amissjoni bikrija, qed tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' 13-il xahar li ghandha tibqa' sospiza ghal tliet snin millum u dan skond l-Artikolu 28A tal-Kap 9.**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 28 A tal-Kap 9 lill-imputat fi kliem semplici.**

**Tibghat l-atti ghand l-Avukat Generali fi zmien moghti mil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------